**14 ta' Frar, 1962.**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt. LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Gregorio Attard

**Tentattiv ta' Serq — Idoneità tal-Mezzi — "Travellers' Cheques" — Art. 354(c) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Huwa magħruf illi l-inidoneità tal-mezzi adoperati biex jiġi kommess serq tista' tkun assoluta u tista' tkun relattiva, u illi l-inidoneità assoluta biss timpedixxi ġuridikament it-tentattiv tas-serq; u l-inidoneità tibqa' relattiva, u ma ssirx assoluta, anki jekk il-mezzi wżati ma kienux kapaċi li jik-konduċu għall-kommissjoni tad-delitt, kwante volte, però, ma kienux hekk kapaċi minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali, u kemm il-darba dik il-konsumazzjoni, fin-nuqqas ta' dawk iċ-ċirkustanzi, jew fil-konkors ta' ċirkustanzi oħra, setgħet ġrat.*

*Għalkemm, avvolja t-"travellers' cheques" jissarfu billi l-"payee" jiffirma ċ-"cheques" quddiem il-"paying agent", u dan jista' jeżiġi mezz ta' identifikazzjoni tal-"payee", min isib "travellers' cheques" u jmur isarrafhom, avvolja juża mezzi li minħabba ċ-ċirkustanzi ma kienux idonei biex isir it-tisrif ta' dawk iċ-"cheques", huwa ħati ta' tentattiv ta' serq jekk f'ċirkustanzi oħra dak it-tisrif seta jsir.*

*Il-kwistjoni tal-idoneità tal-mezzi u tal-inidoneità assoluta jew relattiva tagħhom fit-tentattiv tas-serq, ma għandhiex tiġi konfuża, u ma għandha x'taqsam xejn, mal-kwistjoni tal-grossolanità tal-falsifikazzjoni fir-reat ta' falz.*

*Il-kontravvenzjoni ta' min jommetti li jgħarraf lill-Pulizija a żmien tliet ijiem b'ħaġa li jkun sab mhix ammissibbli meta min ikun sab il-ħaġa jkun wera li ried japproprija ruħu minnha.*

Il-Qorti:— Rat l-att tar-rinviju tal-Attorney General tal-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija tal-20 ta' Novembru 1961, sabiex il-Qorti, tiddeċidi fuq l-akkuża talli l-imputat, il-Marsa jew imkejjen oħra, f'dawn l-aħħar tliet xhur, ittanta jagħmel serq ta' disgħa "Travellers' Cheques" tal-Barclay's Bank, D.C.O. tal-valur ta' £45 għad-detriment ta' Captain J. Findley; liema serq ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volontà tiegħu;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-27 ta' Novembru 1961, li biha sabet lill-imputat ħati ta' attentat ta' serq kwalifikat bil-valur, u kkundannatu għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien xahrejn;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni kollha f'dan l-appell hija jekk l-azzjoni żvolta mill-appellant (li dwarha bħala fatt ma hemm ebda kuntrast bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża) kienetx idonea, fis-sens li din il-kelma għandha għall-eżistenza tat-tentattiv. Issa, f'dan il-każ si trattava ta' "Travellers' Cheques". Dawn jirrappreżentaw flus, iżda, biex jissarfu, jeħtieġ li l-possessur jew "payee" jiffirma quddiem il-"paying agent". Il-"paying agent", meta l-persuna li tippreżenta ruħha biex issarraf iċ-cheques ma tkunx magħrufa, jista' jeżiġi mezz ta' identifikazzjoni, bħal ma huwa l-passaport. Issa, "vulgo scitum est" li l-inidoneità tista' tkun

assoluta u tista' tkun relattiva, u l-ewwel waħda biss ġuridikament timpedixxi t-tentattiv. Fid-dottrina hu ritenut awtorevolment (ara Maino, b'ċitazzjoni tal-Carrara, comm. art. 61, paġ. 180, para. 298), illi l-inidoneità tibqa' relattiva biss, u ma ssirx assoluta, anki jekk il-mezzi wżati ma kienux kapaċi li jikkonduċu għall-kommissjoni tad-delitt, kwante volte, però, ma kienux hekk kapaċi minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali, u kemm il-darba dik il-konsumazzjoni, fin-nuqqas ta' dawk iċ-ċirkustanzi, jew fil-konkors ta' ċirkustanzi oħra, setgħet ġrat. Dan hu appuntu l-każ in diżamina;

Il-'payee" Captain Findley kien ġa rrapporta t-telf taċ-Cheques. Marret issarrafhom iz-zija tal-imputat. Kwindi tabilfors li l-mezzi adoperati kienu inidonei "minħabba dawn iċ-ċirkustazi"; għaliex kien ovvju għall-uffiċjali tal-bank li dik il-mara ma setgħetx kienet il-"payee", li huma kienu jafu li kien il-Kaptan Findley; u dippjù hija ma kienetx persuna konoxxuta vis-a-vis l-Bank. Imma, "f'ċirkustanzi oħra", ċjoè suppost li rapport ma kienx sar, u suppost li ppreżentat ruħha persuna konoxxuta lill-Bank u persuna li verosimilment setgħet kienet il-"payee", u suppost li hija imitat il-firma b'ingann tal-kaxxier tal-Bank, allura ċ-cheques setgħu ssarrfu. Ma kienx hemm, għalhekk, skond dawk l-insenjamenti, l-inidoneità assoluta, għax ma kienx il-każ li "taħt ebda ċirkustanza" ma setgħu jissarrfu dawk iċ-cheques. U dan tant hu veru li, kieku ma kienx hekk, fuq il-kopertina tal-librett taċ-cheques ma kienx ikun hemm, kif soltu jkun hemm, it-twissija li l-"payee" għandu jqies dawk iċ-cheques bħala flus u li għandu joqgħod attent li ma jitlifhomx, u li, każo maj jitlifhom, għandu immedjatament jiddenunzja t-telf tagħhom;

Hu utili li jiġi rilevat, in vista ta' ċerti sottomissjonijiet tad-Difiża, li dan il-punt tal-idoneità tal-mezzi, u tal-inidoneità assoluta jew relattiva tagħhom fit-tentattiv ta' serq, ma għandux jiġi konfuż, u ma għandu xejn x'jaqsam, mal-punt tal-grossolanità tal-falsifikazzjoni fir-reat ta' falz;

Għandu wkoll jiġi osservat, in meritu għad-deduzzjoni l-oħra tad-Difiża, fis-sens illi si tratta tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-art. 354 (c) Kap. 12, ċjoè dik ta' min jom-

*metti li jgħarraf lill-Pulizija fi żmien tliet ijiem b'ħaġa li* jkun sab, illi hu ċert "in lege" li dan l-aspett levjuri ma huwa qatt ammissibbli meta min ikun sab il-ħaġa juri, kif bla dubju wera l-appellant f'dan il-każ, li ried jappropriha (ara sent. tal-Maġt. Dr. Pasq. Frendo Azzopardi, 16.10.-1902 konfermata fl-appell fit-22 ta' Ottubru 1902);

**Għalhekk din il-Qorti tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata**